MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 272/2012

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Mejju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Mejju 1997;

Rat in-nota kongunta tar-rikorrenti illi permezz taghha ipprezentaw ix-xhieda taghhom bl-affidavit;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-16 ta’ Jannar 2009, izda ilhom separati de facto mit-23 ta’ Gunju 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi l-partijiet kienu iddekadew mill-obbligu ta’ manteniment reciproku fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom;

Illi l-partijiet ippruvaw ukoll illi ir-rikorrenti Jason Galea dejjem hallas il-manteniment fir-rigward tat-tfal minuri lir-rikorrenti Graziella Galea;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------